**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 27 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1669/01 AJD**

**Maltacom plc**

**vs**

**John u Doreen konjugi Grixti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' mitejn u sebghin lira Maltin u tmienja u tletin centzemu (Lm270.38), rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 247284 (Dok. A), u dan wara talba ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telefon (Dok. B).
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Settembru, 2000, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16.
2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu xejn mhu dovut mill-konvenuti.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza tal-llum stess fejn giet milqugha l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti limitatament ghall-ammont ta' hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm75.35).

Sema' x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmi (Lm195.35) ghadu dovut.

Ra li l-konvenuti naqsu milli jidhru u milli jipprezentaw il-provi taghhom fil-mertu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm195.35), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuti, u ghal terz (1/3) mis-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**